SAN GILJAN

Kunsill Lokali San Ġiljan

# Rapport Amministrattiv 2015



## Sena 2015

Qiegħed nippreżenta rapport dwar l-andament tal-Kunsill kif ukoll jagħti ħarsa lejn il-ħidma u l-operat tal-Kunsill matul is-sena mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015. Ir-rapport iħares lejn il-ħidma ta' parti mis-seba legislazzjoni kif ukoll l-ewwel tmien xhur ta' tmien legislazzjoni.

Għalhekk dan ir-rapport ser ikun qiegħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' matul is-sena kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena 2016. Dan skond Artiklu 70 ta' l-Att XV ta' l-1993 - Att dwar Kunsilli Lokali.

## 1. Il-Kunsill

**1.1** Matul is sena 2015 ġiet fit-tmiem is-seba legislatura. Il-Kunsill kien magħmul hekk:

Is-Sindku Peter Bonello huwa *ex-uffiċċjo* fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sindku Peter Bonello | - | *Infrastruttura, Toroq u Proġetti Ġodda & E.U. ,Traffiku, Pulizija, Trasport, Sinjali tat-Traffiku, Bye-Laws, Kummerċ u Xatt is-Sajjieda* |
| Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli | - | *Infrastruttura, Toroq u Proġetti Ġodda & E.U., Żgħażagħ, Sports, Edukazzjoni, Kultura u E.U.* |
| Il-Kunsillier Alex Grech | - | *Traffiku, Pulizija, Trasport, Sinjali tat-Traffiku, Bye-Laws, Kummerċ u Xatt is-Sajjieda* |
| Il-Kunsillier Richard Scicluna | - | *Turiżmu, Ambjent, Negozji Żgħar u Indafa* |
| Il-Kunsillier Norman Vella | - | *Turiżmu, Ambjent, Negozji Żgħar u Indafa* |
| Il-Kunsilliera Irene Borg | - | *Anzjani u Attivitajiet Soċjali* |
| Il-Kunsillier Anthony Grech | - | *Anzjani, Attivitajiet Soċjali, Żgħażagħ, Sports, Edukazzjoni, Kultura u E.U., Problemi Soċjali, Saħħa Pubblika* |
| Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli | - | *Problemi Soċjali, Saħħa Pubblika* |
| Il-Kunsillier John Agius | - | *Żgħażagħ, Sports, Edukazzjoni, Kultura u EU.* |

**1.2** L-attendenza tal-membri għal-laqgħat tal-kunsill (01 Jan sal 29 Apr) kien kif ġej:

| **Kariga** | | **Skużat** | **Assenti** | **Preżenti** |
|---|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Bonello | 1 | 0 | 3 |
| Viċi Sindku | Charles Camenzuli | 0 | 0 | 4 |
| Kunsillier | John Agius | 0 | 0 | 4 |
| Kunsilliera | Irene Borg | 0 | 0 | 4 |
| Kunsilliera | Rita Dimech Portelli | 1 | 1 | 2 |
| Kunsillier | Alex Grech | 1 | 0 | 3 |
| Kunsillier | Anthony Grech | 0 | 0 | 4 |
| Kunsillier | Richard Scicluna | 0 | 1 | 3 |
| Kunsillier | Norman Vella | 0 | 0 | 4 |

**1.3** L-Elezzjoni tat-Tmien Kunsill saret nhar is-Sibt 11 ta' April 2015 u l-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsilliera saret nhar l-Erbgħa 29 ta' April 2015. L-ewwel laqgħa għal aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u ta' Viċi Sindku saret nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015. F'din il-laqgħa l-Kunsillier Karl Gouder aċċetta l-kariga ta' Sindku filwaqt li l-Kunsillier Guido Dalli aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku. Il-Ġurament tal-Ħatra tas-Sindku u tal-Viċi Sindku saru fit-4 ta' Mejju 2015.

Iż-żmien tat-tmexxija tat-Tmien Kunsill huwa mill-1 ta' Mejju 2015 sat-30 ta' April 2018.

**1.4** Dan il-Kunsill huwa kompost kif ġej u l-attendenza kienet :

| **Kariga** | | **Skużat** | **Assenti** | **Nru.ta' Seduti Preżenti** |
|---|---|---|---|---|
| Sindku | Karl Gouder | 0 | 0 | 10 |
| Viċi Sindku | Guido Dalli | 0 | 0 | 10 |
| Kunsillier | Martin John Sultana | 0 | 0 | 10 |
| Kunsillier | Albert Buttigieg | 0 | 0 | 10 |
| Kunsillier | John Agius | 0 | 0 | 10 |
| Kunsillier | Adrian Domnic Ellul | 0 | 0 | 10 |
| Kunsilliera | Rita Dimech Portelli | 2 | 0 | 8 |
| Kunsillier | Clayton Luke Mula | 0 | 0 | 10 |
| Kunsillier | Clayton Tanti Gregoraci | 2 | 0 | 8 |

**1.5** Waqt l-ewwel laqgħa tal-Kunsill ingħataw ukoll ir-responsabilitajiet lil membri tal-Kunsill minn 01/05/15 – 30/04/18 (Rif. Minuti 02/K8/15)

Is-Sindku Karl Gouder huwa *ex-uffiċċjo* fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is- Sindku | Karl Gouder | - | *Ġemellaġ, Fondi EU u Bye-laws* |
| Il-Viċi Sindku | Guido Dalli | - | *Infrastruttura, Toroq, Proġetti Ġodda u Indafa* |
| Il-Kunsiller | Martin John Sultana | - | *Traffiku, Pulizija, Trasport u Sinjali tat-Traffiku* |
| Il-Kunsiller | Albert Buttigieg | - | *Edukazzjoni u Inklużjoni Soċjali li tinkludi Diżabilita u NGO'* |
| Il-Kunsiller | John Agius | - | *Attivitajiet Soċjali għall-Anzjani* |
| Il-Kunsiller | Adrian Dominic Ellul | - | *Żgħażagħ u Sports* |
| Il-Kunsillera | Rita Dimech Portelli | - | *Saħħa Pubblika* |
| Il-Kunsiller | Clayton Luke Mula | - | *Kultura u Turiżmu* |
| Il-Kunsiller | Clayton Tanti Gregoraci | - | *Ambjent, Negozji Żgħar u Kummerċ* |

### *Xatt is-Sajjieda* inkluż l-*Area*

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |
| Sostitut | - | Il-Viċi Sindku Guido Dalli |

### *Sotto Kumitat M.H.R.A.*

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Il-Kunsillier Albert Buttigieg |
| Sostitut | - | Il-Kunsillier Clayton Luke Mula |

### Local Enforcement System

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |
| Sostitut | - | Il-Viċi-Sindku Guido Dalli |

### *Regjun Centru*

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |
| Sostitut | - | Il-Viċi Sindku Guido Dalli |

### Northern Harbour District Joint Committee

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |
| Sostitut | - | Il-Viċi Sindku Guido Dalli |

**Animal Welfare**

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli |

***Sotto Kumitat għall-Kummerċ***

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci |
| Sostitut | - | Il-Kunsillier Martin John Sultana. |

**Servizz mill-MEUSAC lill-Kunsilli Lokali – EU Contact Persons (Memo 29/2008)**

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |

**Webpage Ċentrali – (Inc. 3891/08)**

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul. |

**Kunsilliera responsabbli mill-Proġetti Sostenibbli fil-Lokalita' (Memo 2/2009)**

| | | |
|---|---|---|
| Rappreżentant | - | Is-Sindku Karl Gouder |

**1.6** Sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin il-pubbliku u bi skop li jiġu identifikati aktar malajr il-problemi taż-żona partikolari, l-Kunsill ħaseb sabiex il-lokalita' tkun maqsuma f'sebgħa żoni u kull żona jkollha Kunsillier/i responsabbli. Għalhekk il-lokalita' ġiet maqsuma kif ġej:-

**Żona Nru. 1 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Adrian Dominic Ellul u s-Sur Martin John Sultana**

Triq Abbe De Vertot
Triq Bertha K. Ilg
Triq George Badger
Triq William H. Prescott

Triq Andre Maurois
Triq Francesco Balbi
Triq William Hardman
Triq E. Schermerhorn

Triq Carlos Zabarella

Wesgħa Agostino Savelli
Triq Eric Brockman
Triq Jean Houel
Triq Lapsi (in-naħa ta' Merħba Pharmacy)
Bini tal-Gvern
Triq Diodorus Siculus
Triq Hans Stumme
Triq Ta' Giorni (in-naħa t'isfel)
Triq Patrick Brydone (in-naħa tal-H.E. ta' Ta' Ġiorni)

**Żona Nru. 2 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Tanti Gregoraci**

Triq Ta' Ġiorni (In-naħa ta' Fuq)
Triq il-Baltiku
Triq Michelangelo Cagiano
Triq Patrick Brydone (in-naħa ta' fuq)
Triq Antonio Busuttil (T/G fi Triq il-Bahar l-Iswed)
Triq il-Mediterran
Triq Michelangelo Borg
Triq Nicholas Monserat
Triq Ta' Marmora
Triq il-Fagu
Triq il-Bahar l-Iswed
Triq Claire E. Engel
Triq il-Fraxxnu

**Żona Nru. 3 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Guido Dalli u s-Sur John Agius**

Triq Mikiel Anton Vassalli
Pjazza Spinola
Triq San Mlkiel
Triq Sant' Anglu
Triq il-Karmnu
Telgħet B'Kara
Triq il-Bajja
Triq Alfred Gauci (T/G fi Trejqet il-Bajja)
Triq Angelo Pullicino
Xatt tas-Sajjieda
T/G fi Triq Mikiel Anton Vassalli
Triq Lapsi
Triq San Mark
Triq Sant' Elija
Triq Gorg Borg Olivier
Sqaq Ciantar
Trejqet il-Bajja
Triq il-Kbira
Trejqet Grenfell
Triq Albert Mayr

**Żona Nru. 4 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Luke Mula**

Triq Ivo Muscat Azzopardi
Triq il-Mensija
Triq iz-Zebbug
Triq is-Sajjieda
Triq il-Palm
Triq Sant Andrija
Triq Santa Rita
Sqaq il-Lunzjata
Triq Santu Wistin
Triq Luigi Apap (Trejqet San Gorg)
Triq Ross
Triq Wied Għomor
Triq Forrest
Fuq il-Gonna (Garden Cresent)
Triq l-Oleandru
Triq it-Tamal
Triq Marguerite Mangion (T/G fi Triq Sant Andrija)
Sqaq Lourdes
Triq il-Qaliet
Triq San Gorg
Ix-Xatt ta' San Gorg

**Żona Nru. 5 –**

**Kunsillier Responsabbli: Kumitat Amministrattiv Paceville**

Triq Ball
Vjal Portomaso
Triq Gort
Triq Paceville
Triq Wilga
Il-Qasam ta' San Gorg
Triq Spinola
Triq San Guzepp
Triq Dobbie
Triq Dragunara
Triq il-Knisja
Triq Schrieber
Ix-Xatt ta' Spinola
Triq Salvu Privtera
Triq Elija Zammit

**Żona Nru. 6 –**

**Kunsillier Responsabbli: Dott. Albert Buttigieg**

Triq l-Arcisqof Romero
Triq Zammit Clapp
Triq il-Klarissi
Triq il-Qalb Imqaddsa
Triq Dun Anton Tabone (T/G fi Triq il-Qalb Imqaddsa)
Triq Bonavita
Triq Sir Joseph Carbone
Sqaq Imrabat (fejn mhuwiex privat)
Triq il-Ballut
Triq is-Sorijiet
Triq Dun Guzepp Xerri
Triq B'Kara
Sqaq is-Sigra
Triq Furtu Selvatico

**Żona Nru. 7 –**

**Kunsilliera Responsabbli: Ms. Rita Dimech Portelli**

Triq Alphonse Maria Galea (Sur Fons)
Ir-Rampa ta' San Giljan
Triq Manwel Dimech
Telgħet San Giljan
Pjazza Balluta
Triq Scicluna
Triq il-Karmelitani
Sqaq Fabri

**1.7** Uffiċċju Amministrattiv – Matul din is-sena kellna ukoll tibdil tas-Segretarju Eżekuttiv, u s-Sur Paul Spiteri ġie maħtur flok is-Sinjura Helen Walker li ħalliet din il-karigra f'Lulju . Dan ir-rapport jixtieq jirringrazzja lis-Sinjura Walker għal-ħidma tagħha matul iż-żmien tal-kariga, u dak kollu li għamlet għal ġid tal-komunita tagħna. Matul din is-sena l-Uffiċċju Amministrattiv ġie kumplimentat b'żieda ta' membru tal-Istaff ieħor sabiex jassisti l-erba' skrivana l-oħra.

L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt filgħodu. Filwaqt li jsir ix-xogħol Amministrattiv kollu, mill-Uffiċċju ukoll isir ħrug ta' permessi, ħlas ta' kontravenzjonijiet, servizz ta' għajnuna liċ-ċittadini għal diversi dipartimenti tal-gvern u servizz ta' customer care, fost l-oħrajn.

## 2.1 Ilmenti / Korrispondenza

Permezz tas-sistema ta' e-Government kull ċittadin jista' jressaq l-ilmenti mill-kumdita' ta' daru (mis-sistema www.servizzi.gov.mt). L-ilmenti kollha li jaslu għand il-Kunsill jiġu trasmessi b'sistema '*on line*' u tittieħed azzjoni mid-dipartimenti kkonċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015 il-Kunsill irċieva 700 ilment, li minnhom 44 biss għadhom pendent. Il-Kunsill ħa kwalunkwe azzjoni meħtiega biex jitnaqqas kull inkonvenjent lill-pubbliku.

## 2.2 Ħruġ ta' Permessi

Il-Kunsill joħroġ il-permessi skond l-Avviz Legali 119/2002, dan jinkludi permessi għall-krenijiet, divertiment okkażjonali, qtugħ ta' wiċċ ta' triq, tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet, tqegħid ta' posta jew kiosks, u permessi oħrajn. Mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, ġew ipproċessati elf, seba' mija, tmienja u erbgħin permess (1,748).

## 2.3 Tnedija ta' Facebook

Sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin il-pubbliku fetaħ il-paġna tiegħu fuq Facebook.

## 2.4 Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

Is-Sur Brian Azzopardi inħatar bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

## 3.1 Xogħolijiet varji li saru:-

- Sar xogħol ta' *patching* fil-lokalita' kollha. Saru tiswijiet inġenerali fit-toroq u fuq il-bankini, inbidlu diversi kaptelli minn fuq il-bankini li ġew imkissra minħabba li vetturi jitilgħu fuq dawn il-bankini. Fejn kien hemm il-bżonn tpoġġew *hand railings, crash barriers* jew *bollards.* Kontinwament isiru t-tabelli u sinjali tat-toroq ġodda, jerġgħu isiru dawk it-tabelli li jiġu vandalizzati kif ukoll issir manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra. Saru '*rubber road humps*' kull fejn ġew approvati mit-Transport Malta;
- Saru tabelli ta' l-ismijiet ta' toroq li ġew ivvandalizzati;
- Mad-dawra tal-promenade twaħħlu tabelli għal dawk li jkunu qegħdin jużaw ir-rota.
- Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq;
- Sar manutenzjoni fl-area ta' Ta' Ġiorni kollu, u f'diversi postijiet fil-lokalita' fejn ġew irranġati ċnut u bankini li ta' sikwit jiġu vandalizzati;
- Sar tindif u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' kollha;

- Il-Kunsill qed jipprova jiġbor l-informazzjoni fejn kienu l-għejjun fil-lokalita';
- Ġew irranġati bankini u / jew saru ġodda;
- Kontinwament saru manutenzjoni tat-tabelli u marki tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra ;
- Ġew irranġati diversi spralli tal-ħadid tal-culverts, kif ukoll ġew mnaddfa l-culverts;
- B'kollaborażżjoni mad-Direttorat tal-P.A.R.K.S. twaħlu siġar ġodda fil-lokalita';
- Intlaħaq ftehim rigward xogħol ta' manutenzzjoni mill-ħaddiema tal-Public Works fuq il-Ġibjun li jinstab mal-Pitch ta' San Ġiljan. Dan filwaqt li l-Malta Tourism Authority tagħat l-għajnuna tagħha sabiex saret irrigation system, biex b'hekk reġgħu twaħħlu siġar u pjanti f'din in-naħa tal-Promenade;
- Ntbagħtet ittra lit-Tranport Malta sabiex issir tunnel għan-nies biex ikunu jistgħu jaqsmu għall-Kunvent tal-Klarissi.
- Saret laqgħa mall-Kunsilli Lokali li huma żoni turistiċi rigward is-*Social Contribution Fund*;
- Saru laqgħat u nħarġet Press Release rigward is-*security issues* f'Paceville.

## 3.2 Xogħolijiet varji li huma pendenti jew qed isiru

- Jiġu rranġati tappieri tad-drenaġġ mid-Dipartiment tad-Drenaġġ;
- Manutenzjoni / twaħħil ta' bollards u railings;
- Installazzjoni ta' dawl ġdid fil-lokalita';
- Ġew miżbugħin ir-railings minn ħdejn il-Baracuda Restaurant sad-Dolce Vita Restaurant.
- Ġie rrakkomandat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir rampa aċċessibli għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan;
- Intbaghtet ittra lit-Transport Malta u lill-Minsiteru ghat-Trasport u Infrastruttura sabiex jsir rikostruzzjoni li hemm bzonn fi Triq San Gorg, in-naha tal-Wembley Garage u fi Triq il-Kbira fl-inħawi tal-Knisja tal-Karmnu.

## 4.1 European Cities Against Drugs (ECAD)

Il-Kunsill huwa membru tal-ECAD, u minn żmien għal żmien jiġu organiżżati konferenzi fejn il-membri jagħtu l-esperjenzi tagħhom.

## 4.2 Proġett tal-Europe for Citizens' jismu hENCE

Il-Kunsill ipparteċipa f'dan il-proġett li jiffoka dwar l-użu tal-enerġija alternattiva.

## 4.3 Turiżmu

San Ġiljan huwa post turistiku u għalhekk it-turiżmu huwa wieħed mis-sorsi ewlenin għall-għejxien ta' ħafna familji. Din is-sena l-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura ħejja programm ta' tindif addizzjonali għal żoni turistiċi.

Servizz ieħor jinkludi s-servizz ta' *First Aid* fil-Bajja ta' San Ġorġ.

## 4.4 Tourist Information Office

Hemm il-ħsieb li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill jsiru żewġ Tourist Information Offices, wieħed fil-Bajja ta' San Ġorġ u l-ieħor fi Triq Ġorġ Borg Olivier minflok il-latrina tan-nisa filwaqt li l-latrina ta' l-irġiel li hemm fil-Pjazza ta' Spinola (fid-daħla tat-Tigulio) titwaqqa' u minflok isiru waħda ta' l-irġiel u waħda tan-nisa.

## 4.5 Blue Flag Status

Il-Bajja ta' San Ġorġ għandha il-Blue Flag Status. Din hija '*award*' internazzjonali li tingħata lill-bajjiet, portijiet, *marinas,* u dgħajjes li jkunu ppartecipaw fil-Blue Flag Programme u li ġew ikkonfermati nodfa, ta' ċertu sigurta' u li jirrispetaw l-ambjent.

Bejn il-25 u 29 ta' Mejju 2015, l-*Malta Tourism Authority* kabret il-Bajja ta' San Ġorġ. Dan sar permess ta' *Sand Replenishment.*

Saret ukoll diskussjoni preliminari dwar l-izvilup tal-Bajja tal-Balluta

## 4.6 Infurzar tal-Liġi

Wara kważi tlettax il-sena mit-tħaddin tas-sistema ta' infurzar tal-liġi jidher illi sar kambjament kbir kemm fl-inġieba tas-sewwieqa kif ukoll min-naħa tal-pubbliku nġenerali. Madankollu r-responsabbilta' sabiex tithaddem din is-sistena ghaddiet min idejn ir-Reġjun għal l-Aġenzija tal-Gvern mill-1 ta Ottubru.

## 4.7 Edukazzjoni

Il-Kunsill qed joffri ssapport tiegħu lill-Kulleġġ Santa Klara għall-programm ta' l-EkoSkola.

Il-Kunsil ingħata sponsorship mit-TCTC sabiex setgħu jiġu offruti bla ħlas il-proġett iKids. Għal dan il-kors, il-Kunsill irċieva 3 applikazzjonijiet.

## 4.8 Bring-In Sites

Il-Kunsill għandu 'bring-in sites' fil-lokalita'. Dawn qegħdin:

- ✓ Fi Triq Ta' Ġiorni;
- ✓ Fi Triq Zammit Clapp;
- ✓ Fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu';
- ✓ Ix-Xatt ta' San Ġorġ (mal-ħajt ta' Villa Rosa)
- ✓ Triq Wilġa mal-ħajt tad-Dragonara
- ✓ Balluta

Il-Kunsill informa lill-MEPA sabiex tieħu l-azzjoni neċessarja biex fi Triq Ta' Ġiorni jittella' ħajt wara l-*bring-in-sites* peress li fl-*area* qed isir abbuż u qed tintuża bħala miżbla.

Il-Kunsill identifika u rrakkomanda postijiet oħra fejn jistgħu isiru aktar bring-in sites.

Il-Kunsill irrakkomanda ukoll li l-Bring-In-Sites f'San Ġiljan ikunu ta' tip ta' taħt l-art minħabba li San Ġiljan huwa post turistiku.

Ingħata t-tender sabiex jiġu installati kamera tas-siġurta sabiex jinqata l-abbuz fl-akwati tal-bring-in sites.

## 4.8 Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat

Il-Kunsill għandu ftehim mal-Green MT sabiex jinġabar l-iskart separat. Dan il-kuntratt iġedded sal-31 ta' Diċembru 2015 u qegħdin fi proċess sabiex jingħata kuntratt ġdid.

L-istess kumpanija qed tgħati servizz ta ġbir ta ħġieġ darba fix-xahar

## 4.9 Kunsill Lokali Żgħażagħ

Saret laqgħa ma' l-Aġenzija Żgħażagħ fejn ġie spjeġat l-irwol u kif jiġi organizzat il-Kunsill Lokali Żgħażagħ. Dan irid ikun magħmul minn ħames żgħażagħ ta' bejn l-erbatax u t-tmintax il-sena. Iż-Żgħażagħ iridu jagħmlu proġett fil-lokalita' li jkun sostenibbli u li ma jaqbiżx it-€3,000.00.

Intbagħatu diversi ittri liż-żgħażagħ li hawn fil-lokalita' sabiex jiġi ffurmat il-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

S'issa ma kienx hemm kokorrenza.

## 4.10 Persuni bi bżonnijiet speċjali

Il-Kunsill ħa ħsieb illi jsiru numru ta' *parking bays* riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll li l-bajjiet u l-bankini l-ġodda jkunu aċċessibli.

## 4.11 Dar ta' l-Anzjani

Il-Kunsill għandu l-ħsieb illi tinbena dar għall-anzjani. Għalhekk tkomplew it-taħditiet ma' l-awtoritajiet ikkonċernati. Saru diversi laqgħat ma' Ministri, Segretarji Parlamentari u Awtoritajiet ikkonċernati, rigward żvillup tad-dar ta' l-anzjani. Waqt dawn il-laqgħat ġew diskussi li f'dan il-proġett jiġu nkorporati Car Park, Uffiċċju tal-Kunsill, Berġa, Librerija, Day Care Centre u Night Call Centre.

F'dan il-proġett, il-Kunsill għandu l-ħsieb li jinkludi unit għaż-żgħażagħ b'*eating disorders.* Il-Kunsill diġa għamel it-talba għad-devoluzzjoni ta' l-art. Il-Kunsill talab l-għajunua tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata l-enchrocement jew l-leasing ta' din l-art.

## 4.11 Car Parks fil-Lokalita'

Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jsiru car parks fil-lokalita' wieħed ħdejn l-ITS u l-ieħor fi Triq Michelangelo Borġ.

## 4.12 Urban Improvement Fund - ME*PA*

B'riferenza għall-permess tal-MEPA, P.A. No. 2142/09, u permezz tal-fondi mill-MEPA għall-Urban Improvement Fund tlestew ix-xogħolijiet b'konnesjoni ma' l-ewwel fażi tal-proġett dwar l-aċċessibilita' aħjar, in-naħa tal-Cavallieri Hotel f'Xatt is-Sajjieda.

Fir-rigward it-tieni fażi tal-proġett għall-aċċessibilita' aħjar in-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri, il-Kunsill issuġġerixxa li jiġi esplorat il-kunċett li jsir '*full accessibility*' għal ġol-baħar fl-aħjar lokazjoni.

Għaldaqstant saret laqgħa mar-residenti li joqgħodu fl-area tan-naħa tal-moll fl-inħawi tal-Lukanda Cavallieri, sabiex jingħataw informazzjoni dwar il-proġett. Din il-fażi tal-proġett tinstab '*on hold*' sakemm il-Kunsill ikollu l-finanzjament biex ikun jista' jitkompla l-proċess.

## 4.13 ERDF Axis 2 – Pre Call għall-proġetti b'aktar minn €2 miljuni fil-Qalba tal-Lokalitajiet

Il-Kunsill applika sabiex jkun jista' jibbenefika minn fondi ta' l-ERDF sabiex issir Upgrading tal-Bajja tal-Balluta.

S'issa dan il-proġett għadu mhux approvat mill-Awtoritajiet konċernati.

## 4.14 Public Private Partenrship fuq it-Toroq

Il-Kunsill ingħata parti mill-finanzjament biex isir *resurfacing* ta' numru ta' toroq. Dawn huma :-

- Triq Claire E. Engel; (Tlestiet)

- Parti minn Triq San Mark; (Tlestiet)
- Triq Lapsi; (Tlestiet)
- Triq Joseph Carbone; (saret mit-transport malta)
- Triq Klarissi; (Tlestiet)
- Triq l-Arcisqof Romero;
- Triq Michelangelo Cagiano; (Tlestiet)
- Triq Wied Għomor;
- Triq il-Mensija;
- Triq il-Qalb Imqaddsa; (Tlestiet)
- Triq il-Bajja;
- Triq il-Bajjiet;
- Triq Luigi Apap; u

## 4.15 Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2015

Għal-ħames sena konsekuttiva il-Kunsill ħa ħsieb itella' l-attivita' l-Festa ta' Lapsi, nhar il-Ħadd 7 ta' Ġunju. Waqt din l-attivita' itella' *reinactment* ta' dak li kien iseħħ f'Jum Lapsi fi żmien il-Kavallieri f'Xatt is-Sajjieda, fil-Bajja ta' Spinola f'San Ġiljan. Fostna l-Maltin din il-festa tiftaħ l-istaġun tal-għum u fi żmien il-kavallieri kienet tkun iffesteġġjata wkoll permezz ta' nbid, ikel u xalar. Din l-attivita' bi tradizzjoni folklorista ġiet milquha sew mill-pubbliku u sakemm il-Kunsill jingħata għajnuna finanzjarja għandu l-ħsieb li s-sena dieħla jerġa jtella' din l-attivita'.

## 4.16 Titjib fil-Playing Fields Eżistenti.

Il-Kunsill applika sabiex jingħata l-finanzjament biex jiġi rranġat il-Kumpless Dun Anton Sciberras. Dan il-Kumpless qed ikun mira ta' vandaliżmu kontinwu. Minħabba li l-Kunsill m'għandux triq oħra, dan il-Kumpless ingħalaq temporanjament sakemm isir il-manutenzjoni u t-tiswija meħtieġa peress li jinstab fi stat perikoluż. Twaħħlu tabelli fil-Kumpless, waħda ħdejn kull entratura, sabiex jindikaw li l-Kumpless jinsab magħluq peress li jinstab fi stat perikoluż, u kull min jidħol illegalment fil-post jkun qed jagħmel hekk taħt l-unika responsabbilta' u riskju tiegħu.

Bi ftehim ma' l-IPSL, saru xi xogħolijiet li setgħu jsiru mill-ħaddiema ta' l-IPSL.

Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-ritratti tal-vandaliżmu li sar fl-inħawi ta' Ta' Ġiorni u sar rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija, lill-Assistant Kummissarju u lis-Supretendent.

Wara diskussonijiet bejn l-Onorevoli Minsitru tat-Trasport u l-Infrastruttura Sur Joe Mizzi u l-Onorevoli Emmanuel Mallia, intlaħaq ftehim biex issir x-xogħol ta' manutenzjoni fil-playing field .

Il-Kunsill hejja tender sabiex il-Kumpless jibda jiġi mmaniġjat bis-sħab mal-privat u nkunu nistgħu nagħmlu xogħol ta manutenzjoni fil-grawnd tal-futbal Il-ħsieb tal-Kunsill huwa li dan il-kumpless jiftaħ mil aktar fis possibli biex jitgawda mir-residenti tal-akwati.

## 4.17 Xogħolijiet iffinanzjati mir-Reġjun Ċentru

Permezz tal-fondi approvati mir-Reġjun Ċentru, setgħu jsiru dawn ix-xogħolijiet:-

a) Servizz addizzjonali tal-ġbir ta' l-iskart tal-borża s-sewda nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa għal sena mit-8 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Marzu 2016 ;

b) Upgrading tal-bankina f'Telghet B'Kara ;

c) Upgrading tal-bankina ta' Triq San Gorg u Triq Wied Ghomor ;

d) Upgrading tal-bankina u ħsarat fit-Triq il-Qalb Imqaddsa ;

e) Patching fi fi Triq San Ġorġ fl-inħawi tal-Wembley Garage ;

f) Patching fi Triq il-Kbira faċċata tal-Knisja tal-Karmnu ;

g) Tiswijiet ta' ħsarat fi Triq Santa Rita ;

h) Railing in-naħa tax-Xelter ta' Lapsi

i) Ħasil mad-dawra tal-baħar mill-Barracuda sad-Dick's Bar u Triq Wied Għomor mill-kantuniera ma' Triq Forrest

j) Xogħolijiet b'konnessjoni ma' tiswijiet u upgrading tal-Belisha Beacons.

k) Parteċipazzjoni tal-baned tal-Lokali għall-Karnival 2015

l) Attivita' Jum il-Lokali 2015

## 4.18 Xelter tal-Gwerra fi Triq Lapsi

Il-Kunsill installa l-elettriku f'dan ix-xelter, u issa, permezz ta volontiera, dan qed ikun miftuh ghall-publiku.

# 5 Proġetti

5.1 Il-Kunsill rċieva l-*go ahead* mill-Malta Tourism Association, fir-rigward ir-rampa tal-Balluta. Għaldaqstant ħareġ sejħa għal disin ta' dan il-proġett. Din is-sejħa miftuħa għall-pubbliku fejn fiha jingħata prempju ta' €500 għal isbaħ disinn magħżul;

5.2 Tlestew il-pjanti ta' Xatt is-Sajjieda u daqt ser jibdew ix-xogħolijiet min-naħa ta' Malta Tourism Authority.

## 6 Street Lighting

Permezz tad-delega ta' Stallazzjonijiet ta' Tidwil tat-Toroq lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq – dawk li huma *wall hung* u *central hanging.* Bozoz fuq arbli tal-ħadid u li magħhom hemm għaddejjin l-'aerial cables' ta' l-Enemalta għadhom jaqgħu taħt ir-responsabilita ta' l-Enemalta.

## 7 Attivitajiet Kulturali u Soċjali

Il-Kunsill ħa ħsieb li l-kalendarju tal-Kunsill ikun fih dawn l-attivitajiet:-

**7.1 - Karnival** – Din l-attivita' tkun ta' madwar sagħtejn, fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu' u tinkludi diversi gruppi taż-żfin, maskaruni u daqq ta' banda , din ittelghet is-Sibt 14 ta' Frar 2015 fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu'.

**7.2 - Qala International Folk Festival** – Waħda mis-serati tal-Qala International Folk Festival, li jittella' fuq medda ta' 4 t'ijiem issir ġewwa San Ġiljan tikkonsisti billi l-gruppi barranin flimkien mal-Menhir Qala Folk Group jagħtu esebizzjoni ta' żfin u kant folkloristiku f'Xatt is-Sajjieda.

**7.3 - Jum il-Lokal** – Sabiex jigi kkomemorat Jum il-Lokali ittella' kunċert nhar il-Ħadd 5 ta' April 2015, fejn ipparteċipaw iż-żewġ baned ta' San Ġiljan.

### 7.4 Attivitajiet ohra

- Weekend Break ġewwa l-Qawra Palace, Buġibba mit-8 sal-10 ta' Frar 2015.
- Ħarġa kulturali għar-Rabat u Ħad-Dingli fit-12 ta' Marzu 2015.
- B'kollaborazzjoni ma' *Let's Do It Malta* , il-Kunsill għamel sezzjoni ta' tindif fil-bajjiet ta' San Ġiljan. Fosthom tnaddfu l-area ħdejn il-Westin Dragonara u l-Bajja ta' Spinola ;
- Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura organizza Fiera tal-Ħut nhar is-Sibt 13 ta' Ġunju ħdejn it-Tigulio ;
- Nhar l-14 ta' Ġunju 2015 saret l-Olympic Day Run, organizzata mill-Maltese Olympic Committee ;
- Nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2015 ġiet iċċelebrata quddiesa fil-Knsija Parrokkjali ta' San Ġiljan biex tfakkar il-bidu tal-ħidma tal-Kunsill ;
- Nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 2015 wara l-quddies saru testijiet tad-diabetes b'kollaborazzjoni mal-Malta Diabetes Association.
- Nhar it-30 ta' Lulju 2015 l-Eden Leisure Group organizza *Putting colour into Paceville* ;

- Nhar il-Ħadd 23 ta' Awwissu 2015 il-Kunsill organizza it-Tberik tal-Annimali ;

Dawn l-attivitajiet ma kienux jeħtieġu finanzjament mil-fondi tal-Kunsill.

## 7.5 Servizz lejn il-Komunita'

Il-Kunsill ħa ħsieb li fejn huwa possibbli jipprovdi servizz lejn il-komunita' bl-iskop li r-residenti kif ukoll l-pubbliku jkunu moqdija aħjar. Dan billi jipprovdi:-

- Servizz li qed jingħata biex il-Millennium Chapel tinżamm nadifa minħabba li din qed tintuża bħala '*Day centre*'.

- Il-Kunsill għandu ftehim mal-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni biex jiġu provduti servizzi elettroniċi lokali taħt l-iskema tal-Local e-Government, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess ftehim. Dan is-servizz huwa estiż ukoll biex jingħata mill-Millennium Chapel (Wi-Fi), il-Pjazza tal-Balluta kif ukoll fl-Uffiċċju Amministrattiv.

- Għal sena oħra l-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ir-residenti ingħataw it-tilqima kontra l-influwenza. Dan is-servizz ingħata bla ħlas mill-uffiċċju tal-Kunsill.

- Il-Kunsill bi ftehim mal-MaltaPost, qabel li jitpoġġa mobile post office, u jingħata servizz minn tlett postijiet fi ġranet differenti. Il-postijiet huma:-

  1. Il-Balluta ħdejn ir-Reserved Parking ;
  2. Spinola fil-parking area tat-Tigulio; &
  3. Ta' Ġiorni ħdejn il-Merħba Pharmacy

- Għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill ħa sehem f'attivita' li tiġi organiżżata kull sena mill-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura fix-xahar ta' Mejju fil-Ġonna ta' San Anton. Din il-wirja saret bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2015. F'din l-attivita' issir wirja ta' qoffa rranġata bil-ħaxix ta' l-ikel u frott.

- Il-Kunsill offra s-servizz ta' '*Mini Van/Bus Service*' bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru 2015.

- Għal sena oħra il-Kunsill organiżża Coffee Morning għall-anzjani fi żmien il-Milied. Dan sar ġewwa Southport u għalih attendew 150 persuna.

## 7.6 Attivitajiet / Servizz Kulturali ohra

- Għal sena oħra konsekuttiva ittellgħat Wirja tal-Ġimgha Mqaddsa b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda ta' l-Armar, Festa Madonna tal-Karmnu Balluta.

- Għal sena oħra ġiet imtella' l-attivita' tradizzjonali tal-ġostra b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Ġostra ta' San Ġiljan.

- B'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Armar Madonna tal-Karmnu, itellgħa Presepju Artistiku fl-okkażjoni tal-Festa tal-Milied.

- Għal sena oħra konsekuttiva b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali Spinola itella l-Programm Mużikali Annwali fil-Kapella tal-Immakulata Kunċizzjoni, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2015.

## 8 Laqgħat

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat kemm ma' Ministri, Segretarji Parlamentari, Dipartimenti, Awtoritajiet u diversi għaqdiet kif ukoll mal-Pulizija fejn il-Kunsill ressaq proposti, diversi lmenti u suġġerimenti għall-ġid tal-lokalita'.

Saru laqgħat mal-Pulizija u mad-Direttur tal-Cleansing Services Directorate sabiex jiġi spolorat il-possibilita' li jsiru cameras b'kollaborazzjoni mal-Pulizija biex jiġi evitat l-abbuż tar-rimi ta' skart;

Saru dsikussjonijiet mal-GRTU rigward *time window* ħalli wara li jinġabar l-iskart ġewwa Paceville, min-naħa tal-Cleansing Service Department jkunu jistgħu jinħaslu t-toroq. L-iskart ta' l-istabbilimenti għandu jinħareġ bejn l-04.00a.m. u 06.00a.m.

## Konklużjoni

Kif wieħed jara minn dan ir-rapport, jinnota l-impenn u r-responsabbilta' li għandu l-Kunsill lejn ir-resident u ċ-ċittadin. Mhux dejjem ikun possibli li nwettqu dak li nixtiequ, aktar minn xejn minhabba limitazzjonojiet finanzjari, imma nipprovaw bil-limitazzjonijiet nwettqu dak kollhu li huwa ta' ġid għal-lokalita tagħna.

Jingħata ringrazzjament lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha. kemm dawk li spiccaw kif ukoll dawk li qed isservu bħallissa, li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalita'. Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lill-iskrivani tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-policies tal-Kunsill. Ringrazzjament ukoll immur għal ħafna mill-kuntratturi tal-Kunsill u ħaddiema oħra ll jgħatu servizz ta' livell tajjeb. Fl-aħħarnett nirringrazzjaw lir-residenti li ta' kulljum jghatu il-koperrazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jewttaq ħidmitu.

Grazzi

## Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tat-Tmien Leġislatura mill-1 ta' Mejju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.**

**<u>Attendenza tal-Kunsillieri</u>**

# Attendenza tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**P = Preżenti** **A = Assenti** **S = Skużat**

## Sena :- 1 ta' Mejju 2015 sal-31 ta' Dicembru 2015

| Data | 04/05/2015 | 13/05/2015 | 09/06/2015 | 18/06/2015 | 16/07/2015 | 05/08/2015 | 03/09/2015 | 02/10/2015 | 30/10/2015 | 27/11/2015 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Karl Gouder | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Guido Dalli | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Martin John Sultana | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Albert Buttigieg | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| John Agius | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Adrian Domnic Ellul | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Rita Dimech Portelli | P | P | P | P | P | P | S | S | P | P | | | | |
| Clayton Luke Mula | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Clayton Tanti Gregoraci | P | P | P | P | S | P | S | P | P | P | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | |
| Segretarju Eżekuttiv | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Skrivana | P | P | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | |
| Rif. ta' Minuti | 01 | 02 | 03 | 04 | 05 | 06 | 07 | 08 | 09 | 10 | | | | |

Helen Walker
Segretarju Ezekuttiv

## Staff

| Impjegat | | Grad | Bidu ta' Mpjieg | Tmiem ta' Mpjieg |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sur | Paul Spiteri | Segretarju Ezekuttiv | 06 / 07 / 2015 | |
| Is-Sinjura | Helen Walker | Segretarju Eżekuttiv | 08 / 11 / 1995 | 06 / 07 / 2015 |
| Is-Sinjorina | Marilyn Cassar | Uffiċċjal Eżekuttiv | 15 / 10 / 2009 | |
| Is-Sinjorina | Josianne Magri | Uffiċċjal Eżekuttiv | 15 / 10 / 2009 | |
| Is-Sinjorina | Cher Carmen Fenech | Uffiċċjal Eżekuttiv | 15 / 10 / 2009 | |
| Is-Sinjura | Connie Said | Assistent Prinċipal | 04 / 01 / 2010 | |
| Is-Sinjura | Elizabeth Borg | Clerk Receptioni | 10 / 08 / 2015 | |

## Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mis-servizzi ta' :-

| Tip ta' servizz | Isem / Kumpanija | Rimarki |
|---|---|---|
| **Contracts Manager** | Bezzina Architects | Sorveljanza fuq kuntratti u xogħolijiet approvati mill-Kunsill |
| **Avukat** | Dr. Hugh Peralta<br>Dr. Stefano Filletti | Affarijiet legali |
| **Perit** | Bezzina Architects | Rigward il-proġetti |
| **Accountant** | Mr Daniel Galea | Servizz professjonali ta' Accountancy |
| **Cleaner** | TF Services Ltd | Servizz ta' tindif ta' l-uffiċċju amministrattiv |
| **Ġbir ta' Skart Domestiku** | Galea Solutions | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku |
| **Ġbir ta' Skart Goff** | Dimbros Ltd | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff |
| **Tindif ta' Toroq** | Waste Collection Ltd | Servizz ta' Tindif ta' Toroq |
| **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi** | Sur Sandro Caruana | Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi |
| **Tiswija u Manutenzjoni Tat-Toroq** | L.K. Ltd. | Servizz ta' Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq |

| | | |
|---|---|---|
| **Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq** | Fix All | Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq |
| **Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi** | Environmental Landscaping Consortium Ltd. | Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi |
| **Live Streaming** | AID Ltd | Online Streaming tal-Laqgħat |

**Polza ta' Assikurazzjoni**

Il-Kunsill għandu polza ta' assikurazzjoni skond kif mitlub f'Att XV ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali – A.L. 155 ta' 1993 taqsima XI.

**Kumpaniji li huma Black Listed:-**

- **Green Skips Services Ltd.** – Il-Kunsill m'għandux jaċċetta pagamenti b'ċekk mingħand din il-kumpannija meta jinħargu tenders sabiex ma jerġgħux jagħmlu 'stop payment' wara li jkunu ġabru d-dokument. (Rif. Minuti 32 / K2 / 98 ).

## 3.1 Il-Ħidma u l-Finanzi tal-Kunsill

Rapport tax-xogħolijiet li saru matul is-sena **2015:-**

### 1. Ġbir ta' Skart Domestiku

Dan sar ta' kuljum fuq bażi regolari u s-servizz kien sodisfaċenti.

### 2. Ġbir ta' Skart Goff

Dan is-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff sar darbtejn fil-ġimgħa minn wara l-bieb tal-persuna kkonċernata. F' każijiet fejn nies li m' humiex konxji ta' l-ambjent u tefgħu skart goff bħal ma huma *cookers, fridges,* saqqijiet ecc f' xi inħawi l-Kunsill ħa azzjoni mmedjata biex dan jiġi mneħħi.

Il-ħlas ta' dan is-servizz sar mill-Kunsill Lokali.

### 3. Tindif tat-Toroq

Għal darb' oħra l-Kunsill ħa ħsieb li l-lokalita` tinżamm fi stat nadif. Dan is-servizz kien wieħed sodisfaċċenti.

### 4. Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi

Dawn infetħu kuljum fuq bażi regolari u s-servizz kien wieħed sodisfaċenti.

### 5. Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq

Dawn ix-xogħolijiet saru minn kuntrattur privat fuq approvazzjoni tal-kunsill u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill.

### 6. Tindif u Manutenzjoni tax-Xtut u Bajja

Mill-1 t'Ottubru 1997 il-Kunsill ma baqax iħallas għal dan is-servizz iżda x-xogħol xorta baqa' jsir minn impjegati tal-Gvern Ċentrali li ġew assenjati mal-Kunsill. Dawn il-ħaddiema baqgħu jirċievu l-pagi jew salarji bażiċi tagħhom mill-Ministeru tat-Turiżmu.

### 7. Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq

Dawn ix-xogħolijiet saru minn kuntrattur privat għas-sodisfazzjon tal-kunsill.

## 8. Tindif u Manutenzjoni tal-Gonna Pubblici

It-tindif u l-manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi sar fuq bażi regolari skond il-kuntratt.



Paul Spiteri
Segretarju Eżekuttiv